# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law)**
**MAGISTRAT**

Illum 22 ta' Novembru 2001.
Il-Pulizija;
(Spetturi Paul Bond u
Carmelo Magri)
vs
Ivan Galea u
Michael Grima.

Il-Qorti :

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-imputati:

Ivan Galea ta' 28 sena, bin il-mejjet David u Maria née Vella, mwieled Tal-Pieta` u residenti 103, Block B, Flat 5, Triq San Nikola, il-belt, Valletta detentur tal-karta ta' l-identita` numru 50077 u,

Michael Grima ta' 26 sena, bin missier mhux maghruf u Emanuela Frima, mwieled Tal-Pieta` u residenti 'De Lafee', Triq is-Serkin, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 205774;

Akkuzati talli:

Fl-10 ta' Jannar 2001 ghal habta tas-1.00 ta' fil-ghodu, mill-hanut bl-isem 'Hard Rock Snack Bar' sitwat fi Triq Valletta, Qormi, ikkommettew serq ta' arlogg tal-marka 'Mario Valentino' ghad-dannu ta' Christopher Borg minn Hal-Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkommettu serq ta' diversi oggetti mill-istess hanut, urew dan il-hsieb billi b'atti esterni taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom, liema serq kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamlu hsara fuq ix-'shutter' ta' l-istess hanut ghad-dannu ta' l-istess Christopher Borg, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Ivan Galea wahdu gie akkuzat talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-att tar-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn stqarr li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fl-artikoli minnu hemm citati fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija u ddecieda kif hemm mahsub fl-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kodici Kriminali li jibghat lill-imsemmija imputati biex jigu iggudikati minn dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni minn naha ta' l-istess imputati.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda fil-kumpilazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha kompriz il-verbal tal-5 ta' Novembru 2001.

Ikkunsidrat:

Ai termini tar-rinviju ta' l-Avukat Generali l-akkuzi huma ta' serq, l-attentat tieghu u hsara volontarja. Dawn l-akkuzi jirrizultaw altru li sodisfacjentement kif jixduh l-provi kompilati. M'hemm ebda dubbju dwar il-fatt li l-imputati fil-gurnata u lok indikat fl-akkuza nqabdu 'in flagrante' jisirqu mill-hanut bl-isem 'Hard Rock Snack Bar' fi Triq Valletta, Qormi.

L-akkuza dwar is-serq isemmi l-aggravji  tal-valur, hin u mezz li wkoll jirrizultaw u dan kemm fir-rigward l-akkuza tas-serq proprju u wkoll safejn tikkoncerna l-attentat. Is-serq proprju jinsab pruvat mill-fatt li l-imputati kienu gia` trasportaw arlogg ta' l-idejn mill-post fejn kien kustodit, waqt li l-attentat jirrizulta stante li l-imputati nqabdu fil-kors li jisirqu b'daqstant li s-serqa giet sfrattata u ma gietx kompluta minhabba cirkostanzi ndipendenti mill-volonta` taghhom.

Inghad dan ghalhekk jonqos biss li l-Qorti tiddeciedi dwar il-piena li ghandha tapplika. F'dan ir-rigward il-Qorti thoss li ma tistax tittratta ma' l-imputati bl-istess kejl stante li ghal dak li jirrigwarda l-imputat Michael Grima hu m'ghandux fedina penali nefrattarja u jidher li huwa l-ewwel kaz tieghu ta' serq, dan fl-oppost ta' l-imputat Ivan Galea li da parti tieghu ghandu fedina penali pessima li tinkludi anki serq, ricettazzjoni u hsara volontarja.

Illi l-Qorti taghmila cara li fir-rigward dan l-ahhar imsemmi mputat kienet bla ezitazzjoni tapplika piena karcerarja aktar u aktar meta l-prova tar-recidiva kontra tieghu wkoll irrizultat. Fil-hsieb tal-Qorti pero` tali piena m'hix hawnhekk konsiljabbli ghar-raguni li dan l-imputat qieghed illum isegwi programm ta' rijabilitazzjoni.

Ghalhekk tiddeciedi wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 41(1)(a), 289, 325 u limitatament l-imputat Galea 49, 50 u 289 tal-Kap 9 li tillibera lill-imputat Michael Grima bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika fil-konfront ta' l-imputat Ivan Galea l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li tpoggieh ghal perijodu ta' tliet snin mil-lum taht il-harsien tal-Ufficjal tal-Probation Ms Carmen Nygaard bil-kundizzjoni li joqghod ghall-ordnijiet indikati fl-istess ordni u ghal kull direttiva ta' l-imsemmi ufficjal tal-'probation'.

Il-Qorti spjegat is-sinifikat u r-responsabbilitajiet ta' kull imputat naxxenti minn dina s-sentenza.

A. M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment ir-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.